**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 427/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1837/2006)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi hija zzewwget lil C D nhar is-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom zewgt itfal, E D li twieldet fis-sbatax ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (17.1.2006) u F D li twieldet fis-sitta u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (26.5.2007), certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok Bu C, u li dejjem inghata manteniment regolari ghalihom skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn taht imsemmi,

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tlettax ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (13.11.2014), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok D;

4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u 1- wild minuri minn dan iz-zwieg qeghda tircievi manteniment adekwat ghaliha skond il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, u ghaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet A B u C D skond l- Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

I. TIDDIKJARA z-zwieg tar-rikorrenti A B minn ma' C D mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht kull provvediment iehor li din l-Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 t'Awwissu, 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, imsejjah tlett darbiet ma deherx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Novembru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.